**571. Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, l-Onor. Clifton Grima, f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, ippropona:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lis-segwenti għaqdiet sportivi b'titolu ta' enfitewsi temporanja, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għall-iskop, bil-kanoni taċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

Dok. A: Porzjon art ta' *circa* 4,052 metru kwadru lil Marsaxlokk Football Club, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. C: Porzjon art ta' *circa* 13,409 metru kwadru lil Ħamrun Football Club, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. D: Porzjon art ta' *circa* 2,787.7 metru kwadru lil Pembroke Athleta Athletics & Triathlon bħala estensjoni li jmiss mil-Lbiċ ma' Triq il-Prof. Walter Ganado b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetajiet fuq imsemmija u kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġu mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil Marsaxlokk Football Club, Ħamrun Football Club u Pembroke Athleta Athletics & Triathlon għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

14.07.2021